SIGURTÀ SOĊJALI

38, Triq l-Ordinanza, Valletta VLT 1021
Imejl: social.security@gov.mt
Websajt: www.socialsecurity.gov.mt
*Freephone* 153

# Eżenzjoni minn ħlas ta' Kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali tal-Klassi 2

## Ħarsa ġenerali

Persuna tista' tiġi eżentata milli tħallas Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali tal-Klassi 2 (Kontribuzzjonijiet imħallsa minn persuni li jaħdmu għal rashom) minħabba dħul baxx. Ma jingħataw l-ebda krediti u peress li tkun ingħatat l-eżenzjoni fuq dawn il-kontribuzzjonijiet, ma jistgħux jitħallsu qabel il-pensjoni (ħlas ta' kontribuzzjonijiet neqsin).

## X'ser jingħata

Persuna tiġi eżentata milli tħallas Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali tal-Klassi 2.

## Eliġibbiltà

Kriterji ta' eliġibbiltà ġenerali:

- Persuna li timpjega lilha nnifisha li, għalkemm taħdem, il-qliegħ tagħha ma jkunx iżjed minn €910 fis-sena

- Persuna waħedha li ma taħdimx u li d-dħul tagħha, minn interessi, dividenti, renti eċċ. ma jeċċedix l-€1,005 fis-sena

- Persuna mpjegata għal inqas minn 8 sigħat fil-ġimgħa mal-istess persuna li tħaddimha li taqla' inqas minn €17.50 fil-ġimgħa

## Dokumentazzjoni meħtieġa

Dokumentazzjoni ġenerali:

- Dettalji tal-Impjieg
    - Numru tal-VAT
    - Data meta spiċċajt l-aħħar impjieg jew xogħol għal rasek

- Dettalji tad-Dħul
    - Dħul minn kull xorta ta' ħidma
    - Ċnus
    - Dħul minn imgħax, dividendi, renta, eċċ.

## Kif tapplika

Imla u ssottometti l-applikazzjoni [onlajn](#).